## FIL-FIRDA

*"There's not a joy the world can give like that it takes away".*
*Stanza for Music* — BYRON.

*Mewġ l-imħabba għawmilna qlubna f'ilmijietu tal-ħlewwiet;*
*Tela' w nieżel bihom f'wiċċu taħt il-bewsa tas-smewwiet;*
*B'qalb ġo qalb bħal warda f'werqa miżmumin fl-ilma tan-nir,*
*Għexna fl-hena, xrobna l-balzmu, doqna l-ġarba ta' ferħ kbir.*

*F'ħolm żgħożitu min qatt emmen lil min widdbu li qasir*
*Huwa s-sokor ta' l-imħabba w illi d-dmugħ bin il-pjaċir?*
*L-istess baħar li baħbaħna tqalleb f'waqt li mhux maħsub:*
*Dawk li kienu żewġ qlub f'waħda reġa' fired f'żewġt iqlub.*

*Meta tmut it-tama fiergħa li darb'oħra terġa' għas-sliem*
*Tmut ukoll dik it-tifkira ta' l-Imgħoddi fil-quddiem,*
*Jew din tibqa' tberren f'moħħok u ġġeddidlek dak li mar*
*U l-ġejjieni, bħaż-żmien t'issa, tqarrashulek b'diq l-imrar?*

*Ma ħabbejtx u qed f'żgħożitek? Mela għadek ma twelidtx!*
*Iżda m'hemmx min ħabb bil-bosta li f'imħabbtu ma tnikkitx*
*Ma tgħaddix minuta waħda li lill-ġewża ma tneffaħx*
*Iżda wkoll ma tgħaddix waħda li lejn mewtha ma tressaqx.*

*Jien ma ħtejtx meta ħabbejtek: qdejt il-liġi tal-Ħolqien,*
*Iżda int m'intix bla ħtija: stajt warrabtni bla dewmien*
*U mhux* issa *meta fuqek ilħaqt bdejt ħolm il-ġejjieni*
*U ħabbejtek hekk minn qalbi li bik biss nista' nkun hieni.*

Is-Sibt, 4-4-53. MANWEL CASSAR.

## MINGĦAJR ALLA XEJN MA JSIR.

*Il-mewt hi f'idejn Alla. Win-natura.*
*Ħadet xejritha wkoll minn Min ħalaqha.*
*W la dqiqa 'l quddiem u lanqas lura*
*Ma tmur id-dinja minn meta telaqha*
*Minn Idejh. Iddur max-xemx qalila*
*Wil-ħżuż mnejn għandha tgħaddi, Huwa ħażżilha.*

R. MIFSUD BONNICI.